



Dokument ta' sessjoni

B9-0127/2024

5.2.2024

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar Russiagate: allegazzjonijiet ta' ndħil Russu fil-proċessi demokratiċi tal-Unjoni Ewropea
(2024/2548(RSP))

Nathalie Loiseau, Petras Auštrevičius, Malik Azmani, José Ramón Bauzá Díaz, Jordi Cañas, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Claudia Gamon, Vlad Gheorghe, Ilhan Kyuchyuk, Karin Karlsbro, Karen Melchior, Javier Nart, Maite Pagazaurtundúa, María Soraya Rodríguez Ramos, Ramona Strugariu, Dragoș Tudorache, Hilde Vautmans, Adrián Vázquez Lázara
f'isem il-Grupp Renew

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Russiagate: allegazzjonijiet ta' ndħil Russu fil-proċessi demokratiċi tal-Unjoni Ewropea (2024/2548(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023 dwar ir-rakkomandazzjonijiet għal riforma tar-regoli tal-Parlament Ewropew dwar it-trasparenza, l-integrità, ir-responsabbiltà u l-għieda kontra l-korruzzjoni¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-dizinformazzjoni²,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-dizinformazzjoni³,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2022 dwar ir-rikonoxximent tal-Federazzjoni Russa bħala stat li jisponsorizza t-terroriżmu⁴,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2022 dwar l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna⁵,
 - wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi hemm evidenza ta' indħil u manipulazzjoni Russi f'ħafna demokraziji liberali tal-Punent, kif ukoll ta' appoġġ prattiku għal forzi estremisti u entitajiet b'mentalità radikali sabiex tiġi promossa d-destabilizzazzjoni tal-Unjoni;
- B. billi r-Russja tfittex li tistabilixxi kuntatti ma' partiti, personalitajiet u movimenti sabiex toqgħod fuq atturi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jiġu legittimizzati l-pożizzjonijiet Russi u l-gvernijiet bi prokura u biex tinholq pressjoni sabiex jidher s-sanzjonijiet u jittaffew il-konsegwenzi tal-iżolament internazzjonali;
- C. billi l-ħidma investigattiva bir-reqqa mwettqa mill-mezzi tal-media Russi, Latvjani, Estonjani u Żvediżi ppubblikata fid-29 ta' Jannar 2024 irrapportat li Membru Latvjan mhux affiljat tal-Parlament Ewropew seta' pprovda assistenza estensiva lis-servizzi tal-intelligence Russi minn tal-inqas l-2004 sa 2017;
- D. billi din l-assistenza għet deskritta bħala li tinkludi l-promozzjoni tal-politika f'isem il-

¹ Testi adottati, P9_TA(2023)0292.

² ĠU C, C/2023/1226, 21.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1226/oj>.

³ ĠU C 347, 9.9.2022, p. 61.

⁴ ĠU C 167, 11.5.2023, p. 18.

⁵ ĠU C 125, 18.3.2022, p. 2.

Federazzjoni Russa, permezz tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti, kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni dwar il-ħidmiet interni tal-Parlament; billi r-rapport investigattiv jissuġġerixxi li l-Membru tal-PE kkonċernata tal-anqas darba talbet ħlas mingħand il-kontropartijiet tagħha biex tkopri l-ispejjeż imġarrba fir-rigward tas-servizzi mogħtija;

- E. billi dawn l-allegazzjonijiet jiddependu, fost affarijiet oħra, fuq dawk li huma deskritti bħala konverżazzjonijiet bl-email żvelati bejn il-Membru kkonċernat u żewġ persuni li jittrattaw il-każijiet fil-Fames Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa (FSB), li jmorru lura għat-3 ta' Ottubru 2005 u 'l quddiem;
- F. billi l-Membru kkonċernata esprimiet ripetutament fehmiel li jistgħu jitqiesu bħala favur ir-Russja, inkluża l-oppożizzjoni għall-eżistenza tal-Latvja bħala pajjiż sovrani u r-rifjut li tikkundanna l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja; billi l-Membru tal-PE hija magħrufa wkoll li involviet ruħha f'imġiba politika dubjuża ħafna, fost affarijiet oħra permezz tal-parteċipazzjoni fi żjara ta' osservazzjoni ta' referendum fil-Krimea okkupata mir-Russja fl-2014 u żjara lid-dittatur Sirjan Bashar al-Assad fl-2016; billi l-Membru tal-PE deliberatament tat l-impressjoni li dawn il-vjaġġi saru f'isem il-Parlament Ewropew jew l-UE;
- G. billi l-Membru tal-PE kkonċernata għandha relazzjonijiet mill-qrib mal-membri tal-partit Katalan favur l-indipendenza ERC, inkluż il-president tiegħu;
- H. billi r-rappreżentanti ta' grupp ta' seċessjonisti Katalani fi Spanja li kellhom relazzjonijiet ma' personalitajiet qrib il-Kremlin – inkluża l-Membru tal-PE kkonċernata – qed jitolbu li l-Prim Ministru Spanjol, Pedro Sánchez, jagħtihom amnestija mir-responsabbiltà kollha għad-delitti allegati tagħhom;
- I. billi inkjesti reċenti jissuġġerixxu li Membru tal-PE Katalan attwali kellu relazzjoni personali mill-qrib mar-Russja u kien involut f'azzjonijiet immirati lejn il-bini ta' influwenza politika u ekonomika biex tiġi destabbilizzata d-demokrazija fl-Unjoni Ewropea;
- J. billi l-Membru tal-PE kkonċernat mhijiex l-uniku Membru tal-Parlament Ewropew li involva ruħu f'attivitajiet, inkluża l-parteċipazzjoni f'missjonijiet foloz ta' osservazzjoni elettorali f'diversi pajjiżi u li joħloq konfużjoni ma' missjonijiet uffiċjali tal-Parlament Ewropew; billi diversi Membri tal-PE ġew sanzjonati għal dan il-ksur skont il-proċedura tal-Grupp għas-Sostenn għad-Demokrazija u Koordinazzjoni tal-Elezzjonijiet; billi dawn iż-żjarat saru b'mod sistematiku fir-Russja u f'pajjiżi alleati mar-Russja;
- K. billi l-Membru tal-PE kkonċernata għet eskluża mill-grupp politiku tagħha u issa fil-Parlament hija membru mhux affiljat; billi l-Membru kkonċernata għabret appoġġ minn xi Membri oħra tal-PE li l-pożizzjonijiet pubbliċi tagħhom dwar kwistjonijiet internazzjonali huma simili għal tagħha; billi, pereżempju, f'diversi okkażjonijiet, Membri tal-PE oħra vvjaġġaw lejn il-Litwanja kif għamlet il-Membru tal-PE kkonċernata biex jappoġġjaw lil Algirdas Paleckis, eks diplomatiku u politiku li nstab ħati ta' spjunaġġ għar-Russja;
- L. billi fid-dawl tar-rivelazzjonijiet, il-President tal-Parlament Ewropew ħabbret minnufih it-tnedija ta' investigazzjoni interna, inkluż riferiment lill-Kumitat Konsultattiv dwar il-

Kodiċi ta' Kondotta; billi s-servizz tas-sigurtà Latvjan ħabbar li se jinvestiga l-allegazzjonijiet;

- M. billi fl-2016, il-partit fil-Gvern tar-Russja, Edinaia Rossiia (Russja Magħquda), iffirma ftehim ta' kooperazzjoni mal-Partit Awstrijak għal-Libertà tal-lemin estrem (FPÖ), u sejjaħ għal kooperazzjoni akbar bejn iż-żewġ partiti u rabtiet politiċi u ekonomiċi aktar b'saħħithom bejn Vjenna u Moska; billi dan il-ftehim ġie ffirmat fil-preżenza ta' Membru tal-PE mill-FPÖ, li, minn dak iż-żmien 'il hawn talab ripetutament biex jiħfiefu s-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja u xerred diżinformazzjoni favur il-Kremlin;
- N. billi għal għadd ta' snin xi Membri tal-PE rreklutaw u impjegaw ċittadini Russi bħala apprendisti, assistenti parlamentari akkreditati (APAs) u konsulenti fi gruppi u ma waqfux jagħmlu dan anke wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;
- O. billi l-Kumitat Speċjali tal-Parlament dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-UE, inkluża d-diżinformazzjoni (INGE) kixef fid-dettall l-isforzi u l-operazzjonijiet immexxija mir-Russja biex hija tinfiltra u tindaħal fid-demokrazija Ewropej u fl-istituzzjonijiet Ewropej, u tinfluwenzahom;
- P. billi xi gruppi politiċi ppruvaw, mingħajr suċċess, jiċċdu l-estensjoni tal-mandat tal-kumitat speċjali ING2 biex jiġu indirizzati l-forom kollha ta' korruzzjoni u ndħil barrani fil-Parlament Ewropew, filwaqt li minflok jippromwovu kumitat ta' investigazzjoni li jiffoka biss fuq il-Qatargate;
- Q. billi l-Federazzjoni Russa ilha żmien twil involuta fi gwerra ibrida kontra l-UE u l-Istati Membri tagħha, billi użat firxa wiesgħa ta' metodi differenti ta' ndħil, inkorporati fi strateġija akbar biex timmina l-funzjonament xieraq tal-proċessi demokratiċi tal-Ewropa; billi dawn il-metodi jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, attakki ċibernetiċi, inkluż fuq il-Parlament Ewropew, il-kontroll ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet Ewropej, l-indħil elettorali, inkluż permezz tal-użu ta' manipolazzjoni tal-informazzjoni u ndħil; billi din il-gwerra ibrida kienet il-prekursur tal-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna u għadha tappoġġjaha;
- R. billi r-Russja pprovdiet appoġġ prattiku għal forzi estremisti u entitajiet b'mentalità radikali biex jiddestabilizzaw l-UE u l-Istati Membri tagħha; billi r-Russja stabbiliet kuntatti ma' partiti, personalitajiet u movimenti sabiex toqgħod fuq atturi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jiġu legittimizzati l-pożizzjonijiet Russi, jiġu appoġġjati l-movimenti għall-indipendenza u l-gvernijiet bi prokura u biex tinħoloq pressjoni sabiex jiħfiefu s-sanzjonijiet u jittaffew il-konsegwenzi tal-iżolament internazzjonali;
- S. billi wara r-rivelazzjonijiet tal-Qatargate, f'Settembru 2023, il-Parlament aġġorna u saħħaħ b'mod sinifikanti l-qafas ta' integrità interna tiegħu, fost affarijiet oħra permezz ta' reviżjoni fil-fond tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-PE u d-Deċiżjonijiet rilevanti tal-Bureau;
- 1. Jinsab ixxukkjat u jesprimi tħassib serju dwar l-allegazzjonijiet ta' spjunaġġ li jinvolvi Membru mhux affiljat tal-Parlament; jiddenunzja, bl-aktar mod qawwi possibbli, l-allegati tentattivi tar-Russja li tinfluwenza lill-Membri, ħaġa li tikkostitwixxi ndħil

barrani serju fil-proċessi demokratiċi tal-UE;

2. Jisħaq li l-Membru tal-PE kkonċernata għet eskluzja mill-grupp politiku tagħha għal raġunijiet relatati mal-pożizzjonijiet tagħha dwar ir-Russja u l-Ukrajna u issa mhijiex affiljata; jissottolinja li l-opinjoni tagħha ma jirrappreżentawx l-opinjoni tal-maġġoranza l-kbira tal-Membri tal-Parlament Ewropew, li jikkundannaw bi ħġarhom l-invażjoni illegali tal-Ukrajna mir-Russja, l-użu tagħha ta' tattiki ta' gwerra ibrida kontra d-demokrazija Ewropea u għażliet ta' politika aggressivi u antidemokratiċi oħra f'dawn l-aħħar snin; jinnota, madankollu, li għadd żgħir ta' Membri tal-PE pparteċipaw f'azzjonijiet b'mod konġunt mal-Membru tal-PE kkonċernata, filwaqt li esprimew fehmiet simili u appoġġjaw b'mod ċar lir-Russja;
3. Jimpenja ruħu li jipprovdi l-appoġġ sħiħ tiegħu lill-awtoritajiet Latvjani u l-kooperazzjoni magħhom fl-investigazzjoni tagħhom dwar l-imġiba tal-Membru kkonċernata; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti Belġjani jinvestigaw jekk il-Membru kkonċernata hijiex soġġetta għall-prosekuzzjoni skont il-liġi kriminali Belġjana u jibqa' lest li jipprovdi l-appoġġ u l-kooperazzjoni sħaħ tiegħu għal dan;
4. Jilqa' r-riferiment tal-Membru kkonċernata lill-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kodiċi ta' Kondotta; jimpenja ruħu li jinforza bis-sħiħ il-qafas ta' sanzjonijiet interni applikabbli tiegħu; jinnota li l-fatti allegati ġraw qabel l-adozzjoni reċenti tar-riforma tal-qafas ta' integrità tal-Parlament; iqis li r-regoli waħedhom ma kinux jipprevjenu l-allegata mġiba kundannabbli tal-Membru tal-PE; jibqa' lest, madankollu, li jevalwa u jirfina aktar il-funzjonament u s-sanzjonar tal-qafas ta' integrità tal-Parlament, li ssaħħaħ wara l-Qatargate;
5. Iqis li l-allegazzjonijiet rigward il-Membru tal-PE kkonċernata jenfasizzaw il-ħtieġa ta' kultura ta' sigurtà msaħħa fi ħdan il-Parlament Ewropew; itenni, għalhekk, it-talba tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023 dwar rakkomandazzjonijiet għal riforma tar-regoli tal-Parlament Ewropew dwar it-trasparenza, l-integrità, ir-responsabbiltà u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni⁶, inkluż taħriġ obligatorju dwar is-sigurtà għall-Membri tal-PE u għall-persunal, approvazzjoni tas-sigurtà xierqa u skrinjar imsaħħaħ tal-persunal, b'mod partikolari dawk li jattendu laqgħat bil-magħluq;
6. Jesprimi tħassib serju dwar ir-rabtiet li l-Membru tal-PE kkonċernata seta' kellha ma' Membri tal-PE oħra u jiddenunja bil-qawwa kwalunkwe tentattiv ikkoordinat intern biex tiġi avvanzata l-aġenda politika tal-Kremlin fi ħdan il-Parlament; jagħti istruzzjonijiet lis-servizzi tiegħu biex jinvestigaw jekk l-imġiba ta' dawn il-Membri tal-PE tikkostitwix imġiba sanzjonabbli skont il-Kodiċi ta' Kondotta tiegħu;
7. Jappella sabiex il-każijiet tal-Membri Katalani tal-PE kkonċernati jiġu riferuti lill-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kodiċi ta' Kondotta; jistieden lil Spanja tinvestiga b'mod effettiv il-konnessjonijiet tal-Membri tal-PE assoċjati mal-Kremlin u t-tentattivi ta' destabilizzazzjoni u ndħil mir-Russja fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri tagħha; jappella wkoll għall-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni rilevanti rigward ir-relazzjonijiet illegali mal-gvernijiet ta' pajjiżi terzi;

⁶ Testi adottati, P9_TA(2023)0292.

8. Ifakkar li l-indhfil barrani huwa theddida sistemika li trid tiġi miġġielda b'mod vigoruż; ifakkar ukoll li, filwaqt li r-Russja tibqa' l-oriġini ewlenija tal-indhfil barrani u d-diżinformazzjoni fl-Unjoni Ewropea, pajjiżi oħra wettqu wkoll kampanji bħal dawn; jissottolinja li r-rispons tal-UE għal dan it-theddid jista' jkun effettiv biss jekk ikun ibbażat fuq approċċ ta' politika trażversali, olistiku u fit-tul imwettaq b'mod konġunt kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati Membri tagħha; jibqa' determinat li jsegwi l-isforzi tiegħu biex jiġġieled l-indhfil barrani fl-UE fis-snin li ġejjin, fost affarijiet oħra permezz ta' korp parlamentari ddedikat; jisħaq li l-viġilanza u l-protezzjoni mill-indhfil barrani huma partikolarment meħtieġa fit-tnejn għall-elezzjonijiet Ewropej din is-sena;
9. Jiddenunzja bil-qawwa t-tentattivi kontinwi tal-Federazzjoni Russa biex timmina l-funzjonament tal-proċessi demokratiċi Ewropej u jisħaq li dawn it-tattiċi jridu jiġu ffaċċati b'konsegwenzi; itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex ikomplu jiżviluppaw u jirfinaw il-pakketti ta' sanzjonijiet adottati kontra l-Federazzjoni Russa u biex jagħlqu l-lakuni fl-infurzar tal-miżuri restrittivi attwalment fis-seħħ;
10. Jisħaq fuq is-serjetà tal-konnessjonijiet tar-Russja ma' partiti u politiċi fl-Unjoni u l-indhfil estensiv tagħha fil-movimenti seċessjonisti fit-territorji Ewropej, bħal fil-Katalonja;
11. Jiddikjara li l-kuntatti mill-qrib u regolari bejn l-uffiċjali Russi u r-rappreżentanti ta' grupp ta' seċessjonisti Katalani fi Spanja huma parti mill-istrateġija usa' tar-Russja li taħtaf kull opportunità, hi x'inh, biex timmanipula l-prattika politika fl-Ewropa sabiex tippromwovi d-destabilizzazzjoni tagħha;
12. Jesprimi l-impenn tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri li jwettqu investigazzjonijiet bir-reqqa dwar ir-rabtiet bejn il-politiċi Ewropej u l-Kremlin, kif ukoll dwar l-isforzi tar-Russja biex tfixkel fl-affarijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha, tinfluwenzahom u tintervjeni fihom;
13. Jisħaq li t-tattiċi ibridi tal-Federazzjoni Russa assolutament xejn ma javvanzaw l-aġenda politika tar-Russja fl-UE, iżda għall-kuntrarju, jiġġeneraw aktar momentum għall-appoġġ sod tal-UE lill-Ukrajna fid-difiża tagħha kontra l-okkupant illegali;
14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.